

**KONFERENZA DWAR L-ADEŻJONI
GĦALL-UNJONI EWROPEA
– ALBANIJA –**

**Brussell, 10 ta' Lulju 2026
(OR. en)**

AD 48/26

LIMITE

CONF-ALB 10

DOKUMENT TA' ADEŻJONI

Suġġett: POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA
- Kapitolu 30: Relazzjonijiet esterni

NEGOZJATI DWAR L-ADEŻJONI

ALBANIJA

POŻIZZJONI KOMUNITAL-UE

(Bi tweġiba għal informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-Albanija)

Ġabra 6: Kapitolu ta' Negozjar 30

Relazzjonijiet esterni

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA

Din il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-pożizzjoni ġenerali tagħha għall-Konferenza mal-Albanija dwar l-Adeżjoni AD 5/22 CONF-ALB 2, u hija soġġetta għall-prinċipji ta' negozjar approvati fiha, b'mod partikolari:

- kwalunkwe fehma espressa minn parti waħda jew l-oħra dwar kapitolu tan-negozjati ma hija ser tippreġudika bl-ebda mod il-pożizzjoni li tista' tittieħed rigward kapitolu oħra;
- ftehimiet - anke ftehimiet parzjali - milħuqa matul in-negozjati dwar kapitolu li għandhom jiġu eżaminati suċċessivament ma jistgħux jitqiesu bħala finali qabel ma jkun għe stabbilit ftehim globali;
- ir-rekwiżiti stipulati fil-punti 2, 3, 5, 6, 10, 14, 16, 23, 31, 38, 39, 45, 46, 47 u 48 tal-Qafas ta' Negozjar.

L-UE tkegġegħ lill-Albanija tkompli bil-proċess ta' allinjament mal-acquis u bl-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tiegħu, u b'mod ġenerali tiżviluppa, anke qabel l-adeżjoni, politiki u strumenti li joqorbu kemm jista' jkun għal dawk tal-UE.

L-UE tinnota li l-Albanija, fil-pożizzjonijiet tagħha AD 24/24 (CONF-ALB 7) u AD 43/26 CONF-ALB 5 taċċetta l-acquis tal-UE taħt il-Kapitolu 30 kif inhu fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2026, u li l-Albanija tiddikjara li ser tkun lesta timplimentah sad-data tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea.

L-UE tinnota l-allinjament tal-Albanija mal-acquis tal-UE fil-qasam tal-**politika kummerċjali komuni**. L-UE tfakkar fil-ħtieġa li l-Albanija tiżgura li l-ftehimiet internazzjonali tagħha jinġiebu f'konformità mal-acquis tal-UE sad-data tal-adeżjoni u li l-leġiżlazzjoni kollha tal-UE direttament vinkolanti fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni tal-UE tiġi applikata b'mod effettiv mid-data tal-adeżjoni. L-UE tistieden lill-Albanija ssaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tagħha f'dak ir-rigward. L-UE tinnota l-impenn tal-Albanija li sad-data tal-adeżjoni tiżgura l-kompatibbiltà tal-pożizzjoni tagħha mal-pożizzjonijiet tal-UE fl-ambitu tal-politika kummerċjali komuni f'kuntesti multilaterali u bilaterali. L-UE tistieden ukoll lill-Albanija tikkoopera mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea fuq il-bidliet kollha fil-politika kummerċjali fil-perjodu ta' qabel l-adeżjoni, u tallinja ruħha mal-politiki u l-pożizzjonijiet tal-UE fejn jidħlu pajjiżi terzi u f'organizzazzjonijiet internazzjonali, inkluż fin-negozjati kollha fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. L-UE thegġegħ lill-Albanija tingħaqad mal-grupp ta' membri tad-WTO li matul l-MC14 indikaw l-intenzjoni tagħhom li jimplimentaw il-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku mill-aktar fis. L-UE tistenna li l-Albanija tikkonkludi l-adeżjoni tagħha mal-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku.

L-UE tissottolinja li hija r-responsabbiltà tal-Albanija li tiżgura li, fil-mument tal-adeżjoni, il-ftehimiet internazzjonali kollha tagħha, u b'mod partikolari kull ftehim relatat mal-kummerċ u kull trattat bilaterali ta' investiment bejn l-Albanija u pajjiżi terzi, ikun jikkonforma mal-acquis. L-UE tfakkar li sad-data tal-adeżjoni l-Albanija ser tkun meħtieġa ttemm il-ftehimiet bilaterali eżistenti kollha bejn l-Albanija u pajjiżi terzi, kif ukoll il-ftehimiet internazzjonali l-oħra kollha konklużi mill-Albanija li huma inkompatibbli mal-obbligi tas-sħubija fl-UE.

L-UE tinnota b'mod pożittiv l-impenn tal-Albanija li tiddenunzja l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles kollha tagħha fl-intier tagħhom sad-data tal-adeżjoni, u li tiżgura li l-ftehimiet kollha dwar il-kummerċ, l-investiment u l-kooperazzjoni ekonomika u ftehimiet rilevanti oħra jinġiebu f'konformità mal-acquis.

L-UE tinnota li, b'dan l-iskop, l-Albanija adottat Pjan ta' azzjoni komprensiv b'inventarju komprensiv tal-ftehimiet internazzjonali tagħha bil-ħsieb li dawn il-ftehimiet jinġiebu f'konformità mal-acquis mill-jum tal-adeżjoni.

Fid-dawl ta' dan, l-UE hija tal-fehma li l-Albanija ssodisfat ir-rekwiżiti tat-tieni parametru referenzjarju għall-għeluq għal dan il-kapitolu, kif stipulat fil-Pożizzjoni Komuni tal-UE (AD 25/24 CONF-ALB 8).

L-Albanija mistiedna żżomm lill-UE infurmata dwar il-kontenut ta' kwalunkwe negozjati ma' pajjiżi terzi f'dan ir-rigward u tikkoordina mill-qrib mal-Kummissjoni kwalunkwe negozjati bħal dawn. L-UE tissottolinja li kwalunkwe ftehim ġdid relatat mal-kummerċ li l-Albanija tista' tikkonkludi ma' pajjiż terz minn issa sad-data tal-adeżjoni għandu jinkludi dispożizzjoni li tippermetti lill-Albanija ttemm il-ftehim, qabel l-adeżjoni, mingħajr il-ħtieġa ta' kumpens ta' kwalunkwe tip min-naħa tal-UE u tiegħu nota tal-impenn tal-Albanija f'dan ir-rigward. L-UE tinnota li l-Albanija, mill-jum tal-adeżjoni, ser ikollha tapplika t-tariffa esterna tal-UE għall-prodotti kollha u l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ tal-UE fis-servizzi.

L-UE tinnota l-allinjament ġenerali tal-leġiżlazzjoni tal-Albanija mar-Regolament (UE) 2021/821 dwar il-**kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju**. L-UE tistieden lill-Albanija żżomm distinzjoni ċara bejn il-mekkaniżmi li jirregolaw l-oġġetti b'użu doppju u dawk militari, u tkompli tallinja mal-aġġornamenti tar-Regolament (UE) 2021/821, b'mod partikolari rigward il-lista ta' oġġetti b'użu doppju soġġetti għall-kontroll inkluża fl-Anness I. L-UE tistieden lill-Albanija ssaħħaħ il-kapaċità amministrattiva u t-tnejjija tal-persunal tagħha biex tapplika r-regoli tal-UE b'mod effettiv f'dan il-qasam fil-mument tal-adeżjoni.

Mal-adeżjoni, l-Albanija jkollha tapplika wkoll ir-regoli tal-UE dwar il-kreditu għall-esportazzjoni u tiżgura infurzar effettiv tal-miżuri tal-UE għad-difiża tal-kummerċ. L-UE tiegħu nota tal-isforzi attwali tal-Albanija biex tissieħeb fil-**Ftehim ta' Wassenaar**, li jista' jiffaċilita t-tnejjijiet biex jiġi implimentat l-acquis għall-oġġetti b'użu doppju. F'dan ir-rigward, l-UE tilqa' tajjeb il-preżentazzjoni mill-Albanija tal-applikazzjoni formali biex tissieħeb fil-Ftehim ta' Wassenaar f'Ġunju 2025. L-UE tiegħu nota li f'Ġunju 2025 l-Albanija ġiet ikkonfermata bħala aderent unilaterali mal-**grupp Awstralja**. L-UE tistieden ukoll lill-Albanija tiżgura l-adeżjoni bikrija tagħha mal-Grupp ta' Fornituri Nukleari (NSG) u mas-Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (MTCR).

Fid-dawl ta' dan, l-UE hija tal-fehma li l-Albanija ssodisfat l-ewwel parti tar-rekwiżiti tal-ewwel parametru referenzjarju għall-għeluq għal dan il-kapitolu, kif stipulat fil-Pożizzjoni Komuni tal-UE (AD 25/24 CONF-ALB 8).

L-UE tinnota l-allinjament tal-leġislazzjoni li tirregola **l-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin (IDB)** fl-Albanija mar-Regolament (UE) 2019/452 dwar l-iskrinjar tal-IDB. L-UE tenfasizza wkoll l-importanza li l-Albanija tallinja kontinwament u timplimenta b'mod effettiv il-qafas legali tagħha mal-acquis tal-UE u tistieden lill-Albanija tiżgura l-kapaċità amministrattiva meħtieġa biex tinforza l-kontrolli.

Fid-dawl ta' dan, l-UE hija tal-fehma li l-Albanija ssodisfat it-tieni parti tar-rekwiżiti tal-ewwel parametru referenzjarju għall-għeluq għal dan il-kapitolu, kif stipulat fil-Pożizzjoni Komuni tal-UE (AD 25/24 CONF-ALB 8).

L-UE tinnota li fil-qasam tal-**istrumenti tal-politika barranija**, l-Albanija mhijiex parti għall-**Proċess ta' Kimberley**. L-UE tinnota wkoll li l-Albanija ser issir parti għall-Proċess ta' Kimberley awtomatikament mid-data tal-adeżjoni mal-UE. Għalhekk, l-UE tistieden lill-Albanija tkompli bit-tnejniet tagħha, inkluż l-allinjament leġislattiv, sabiex tiżgura li tapplika r-regoli li jirregolaw il-Proċess ta' Kimberley mid-data tal-adeżjoni.

L-UE tinnota l-implimentazzjoni mill-Albanija ta' leġislazzjoni allinjata mar-Regolament (UE) 2019/125 dwar il-**ġlieda kontra t-tortura**, kif emendat. L-UE tissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat infurzar effiċjenti tar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament mal-adeżjoni.

Fid-dawl tal-allinjament imsemmi hawn fuq tal-leġislazzjoni nazzjonali mar-Regolament (UE) 2021/821 dwar il-kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju, ir-Regolament (UE) 2019/452 dwar l-iskrinjar tal-IDB u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni allinjata mar-Regolament (UE) 2019/125 dwar il-**ġlieda kontra t-tortura**, l-UE hija tal-fehma li l-Albanija ssodisfat ir-rekwiżiti tal-ewwel parametru referenzjarju għall-għeluq għal dan il-kapitolu, kif stipulat fil-Pożizzjoni Komuni tal-UE (AD 25/24 CONF-ALB 8).

L-UE tinnota li fil-qasam tal-**politika dwar l-azzjoni esterna**, l-Albanija hija impenjata li l-politika u l-prinċipji tal-UE jiggwidaw is-sħubijiet internazzjonali tagħha. L-UE tieħu nota tal-informazzjoni mogħtija dwar it-tnejniet tal-Albanija fil-qasam tal-politika tal-iżvilupp u dwar il-pjanijiet tagħha biex tissodisfa r-rekwiżiti tal-UE. L-UE thegġegħ lill-Albanija tkompli ssaħħaħ il-kapaċità amministrattiva u finanzjarja meħtieġa biex tissodisfa l-impenji tagħha, fost oħrajn li tagħmel il-parti tagħha biex tilħaq il-miri tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) tal-UE.

L-UE tinnota li fil-qasam tal-**politika dwar l-għajnuna umanitarja**, l-Albanija hija impenjata li l-politika u l-prinċipji tal-UE jiggwidaw l-għoti ta' għajnuna umanitarja. L-UE tinnota li l-kontributi umanitarji għadhom jiġu deċiżi każ b'każ fin-nuqqas ta' qafas leġiżlattiv nazzjonali. L-UE tieħu nota tal-pjanijiet tal-Albanija li tistabbilixxi qafas legali li jkopri l-politika dwar l-għajnuna umanitarja mogħtija lil pajjiżi terzi f'konformità mal-politiki u l-prinċipji tal-UE. L-UE thegġegħ lill-Albanija ssaħħaħ il-kapaċità finanzjarja u amministrattiva meħtieġa biex tissodisfa l-impenji tagħha.

L-UE tinnota li rigward il-**għlieda kontra l-korruzzjoni fir-relazzjonijiet esterni**, l-Albanija għandha qafas legali fis-seħħ għall-għlieda kontra l-korruzzjoni, kemm fid-dritt kriminali tagħha kif ukoll f'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-liġijiet li jirregolaw il-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-korruzzjoni. L-UE thegġegħ lill-Albanija tkompli l-għlieda kontra l-korruzzjoni permezz ta' infurzar effettiv tal-miżuri kontra l-korruzzjoni, inkluż miżuri preventivi u sensibilizzazzjoni. L-UE tistieden ukoll lill-Albanija ssaħħaħ l-integrità tal-amministrazzjoni tagħha sabiex tindirizza r-riskju ta' korruzzjoni fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni f'dan il-kapitolu.

* * *

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-UE tinnota li, f'dan l-istadju, dan il-kapitolu ma jeħtieġx aktar negozjati.

Il-monitoraġġ tal-progress fl-allinjament mal-acquis tal-UE u fl-implimentazzjoni tiegħu ser ikompli matul in-negozjati. L-UE tissottolinja li ser tagħti attenzjoni partikolari lill-monitoraġġ tal-kwistjonijiet speċifiċi kollha msemmija hawn fuq bil-ħsieb li tiżgura l-kapaċità amministrattiva u l-allinjament legali sħiħ tal-Albanija, kif ukoll l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tal-acquis f'dan il-kapitolu. Jeħtieġ li jitqiesu b'mod partikolari r-rabtiet bejn dan il-kapitolu u kapitoli oħra ta' negozjar. Valutazzjoni finali tal-konformità tal-leġiżlazzjoni tal-Albanija mal-acquis tal-UE u tal-kapaċità ta' implimentazzjoni tagħha tista' ssir biss fi stadju aktar tardiv tan-negozjati. Minbarra l-informazzjoni kollha li l-UE tista' teħtieġ għan-negozjati f'dan il-kapitolu, u li għandha tingħata lill-Konferenza, l-UE tistieden lill-Albanija tagħti regolarment informazzjoni dettaljata bil-miktub lill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-acquis u fit-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tagħha.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, l-UE ser terġa' lura għal dan il-kapitolu f'mument xieraq, jekk ikun meħtieġ.

Barra minn hekk, l-UE tfakkar li jista' jkun hemm acquis ġdid bejn l-1 ta' Mejju 2026 u l-konklużjoni tan-negozjati.